



Dokument ta' sessjoni

A9-0037/2023

20.2.2023

RAPPORT

dwar ir-relazzjonijiet UE-Ażerbajġan
(2021/2231(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Željana Zovko

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	22
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	23

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-relazzjonijiet UE-Ażerbajġan (2021/2231(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, irratifikata mill-Ażerbajġan fl-2002,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Poliċi tal-1966,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra tal-1984,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet nri 882 tat-30 ta' April 1993, 853 tad-29 ta' Lulju 1993, 874 tal-14 ta' Ottubru 1993 u 884 tat-12 ta' Novembru 1993, tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-gwerra li għaddejja fl-Ukrajna, partikolarment ES-11/1 u ES-11/2 ta' Marzu 2022, ES-11/3 ta' April 2022 u ES-11/4 ta' Ottubru 2022,
- wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) tas-7 ta' Diċembru 2021,
- wara li kkunsidra l-attivitajiet tal-Kopresidenti tal-Grupp ta' Minsk tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tas-16 ta' Frar 2006 dwar il-wirt kulturali fl-Ażerbajġan¹, tal-20 ta' Mejju 2021 dwar il-priġunieri tal-gwerra wara l-kunflitt l-aktar reċenti bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan², tas-17 ta' Frar 2022 dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2021³, tal-10 ta' Marzu 2022 dwar il-qerda tal-wirt kulturali fin-Nagorno-Karabakh⁴ u tat-8 ta' Ġunju 2022 dwar is-sigurtà fiż-żona tas-Sħubija tal-Lvant u r-rwol tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni⁵,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni tat-22 ta' April 1996 bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan mill-parti l-oħra⁶,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni Nru 1/2018 tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-

¹ ĠU C 290E, 29.11.2006, p. 421.

² ĠU C 15, 12.1.2022, p. 156.

³ ĠU C 342, 6.9.2022, p. 148.

⁴ ĠU C 347, 9.9.2022, p. 198.

⁵ ĠU C 493, 27.12.2022, p. 70.

⁶ ĠU L 246, 17.9.1999, p. 3.

- Ażerbajġan, tat-28 ta' Settembru 2018, dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ażerbajġan⁷,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2018 lill-Kunsill, il-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) dwar il-Ftehim Komprensiv UE-Ażerbajġan⁸,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2017 dwar is-Sħubija tal-Lvant, fit-tnejjija għas-Summit ta' Novembru 2017⁹,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, tat-18 ta' Marzu 2020, bit-titolu "Il-politika tas-Sħubija tal-Lvant lil hinn mill-2020: It-Tishiġ tar-Reżiljenza – Sħubija tal-Lvant li tikseb riżultati għal kulħadd" (JOIN(2020)0007),
 - wara li kkunsidra l-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Ażerbajġan tad-19 ta' Lulju 2022 u d-dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal tal-Kummissjoni, tal-14 ta' Lulju 2022, bit-titolu "Rapport dwar l-Implimentazzjoni tal-Kooperazzjoni mal-Ażerbajġan" (SWD(2022)0197),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni konġunta tal-Kummissjoni ta' Venezja u tad-Direttorat Ġenerali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Istat tad-Dritt (DGI) tal-Kunsill tal-Ewropa rigward il-Liġi dwar il-Media, approvata mill-Kummissjoni ta' Venezja fil-131 sessjoni plenarja tagħha fis-17-18 ta' Ġunju 2022,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2022 dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-dizinformazzjoni¹⁰,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-President tal-Kunsill Ewropew Charles Michel tal-14 ta' Diċembru 2021 u tas-6 ta' April 2022 u l-istqarrijiet għall-istampa tiegħu tat-22 ta' Mejju 2022 u tal-31 ta' Awwissu 2022 wara l-laqqgħa trilaterali mal-President Ilham Aliyev u mal-Prim Ministru Nikol Pashinyan, u tas-6 ta' Ottubru 2022 wara l-laqqgħa kwadrilaterali bejn il-President Aliyev, il-Prim Ministru Pashinyan, il-President Macron u l-President Michel,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, f'isem l-Unjoni Ewropea, tad-19 ta' Novembru 2020 dwar in-Nagorno-Karabakh,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa wara ż-żjara tagħha fl-Ażerbajġan mit-8 sat-12 ta' Lulju 2019¹¹,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2019 dwar l-Ażerbajġan, b'mod partikolari l-każ ta' Mehman Huseynov¹² u riżoluzzjonijiet oħra dwar l-Ażerbajġan,

⁷ ĠU L 265, 24.10.2018, p. 18.

⁸ ĠU C 118, 8.4.2020, p. 158.

⁹ ĠU C 356, 4.10.2018, p. 130.

¹⁰ ĠU C 347, 9.9.2022, p. 61.

¹¹ <https://rm.coe.int/report-on-the-visit-to-azerbaijan-from-8-to-12-july-2019-by-dunja-mija/168098e108>.

¹² ĠU C 411, 27.11.2020, p. 107.

b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni interim tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, grupp Mammadli kontra l-Ażerbajġan, tat-22 ta' Settembru 2022,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Korp ta' Investigazzjoni Indipendenti dwar l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni fi ħdan l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa tal-15 ta' April 2018,
- wara li kkunsidra d-digriet tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) dwar l-Applikazzjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (*L-Armenja vs L-Ażerbajġan*) tas-7 ta' Diċembru 2021,
- wara li kkunsidra r-rapporti tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza tal-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari r-rapport ta' monitoraġġ tal-2016 dwar l-Ażerbajġan,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (APKE) intitolat "Alleged violations of the rights of LGBTI people in the Southern Caucasus"¹³ (Allegat ksur tad-drittijiet tal-persuni LGBTI fil-Kawkasu tan-Nofsinhar),
- wara li kkunsidra l-opinjoni dwar l-Ażerbajġan tal-Kumitat Konsultattiv tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali, ippubblikata fl-4 ta' Frar 2019,
- wara li kkunsidra r-rapport "Freedom in the World" tal-2022 u r-rapport "Nations in Transit" tal-2022 ta' Freedom House,
- wara li kkunsidra l-programm indikattiv pluriennali (2021-2027) tal-Kummissjoni għall-Ażerbajġan,
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal tat-2 ta' Lulju 2021 intitolat "Irkupru, reżiljenza u riforma: il-prijoritajiet tas-Sħubija tal-Lvant wara l-2020" (SWD(2021)0186),
- wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Qbil dwar Sħubija Strateġika fil-qasam tal-enerġija ffirmit mill-UE u mill-Ażerbajġan fit-18 ta' Lulju 2022,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-8 ta' Ġunju 2016 intitolata "Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali" (JOIN(2016)0029),
- wara li kkunsidra d-djalogi bilaterali u regolari f'livell għoli bejn l-UE u l-Ażerbajġan dwar is-sigurtà, l-enerġija u t-trasport,

¹³ <https://pace.coe.int/en/files/29711/html>.

- wara li kkunsidra l-Indiċi tas-Sħubija tal-Lvant tal-2021,
 - wara li kkunsidra l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment ippubblikat fit-2 ta' Lulju 2021,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0037/2023),
- A. billi għal aktar minn 30 sena u għadu għaddej, il-kunflitt tan-Nagorno-Karabakh u l-gwerra bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan irriżultaw fl-okkupazzjoni ta' territorji rikonoxxuti fuq livell internazzjonali bħala li jagħmlu parti mit-territorju sovrani tal-Ażerbajġan, ikkawżaw għexieren ta' eluf ta' vittmi, qerda enormi anki ta' siti kulturali u reliġjużi u l-ispostament ta' mijiet ta' eluf ta' persuni;
 - B. billi l-konfronti militari letali bejn l-Ażerbajġan u l-Armenja għadhom qegħdin ifaqgħu perjodikament; billi d-dikjarazzjoni ta' waqfien mill-ġlied tad-9 ta' Novembru 2020, introdotta wara l-gwerra ta' 44 ġurnata mibdija li beda l-Ażerbajġan fl-2020, ma ġietx implimentata bis-siġh; billi, barra minn hekk, il-waqfien mill-ġlied inkiser diversi drabi, fatt li kkawża mijiet ta' vittmi u l-okkupazzjoni tat-territorju sovrani Armeni fin-naħa tal-Lvant u tax-Xlokk tal-pajjiż min-naħa tat-truppi tal-Ażerbajġan; billi minn Diċembru 2022, it-traffiku ċivili bejn l-Armenja u n-Nagorno-Karabakh fil-kuritur ta' Lachin ġie mblukkat u dan iħalli impatt negattiv fuq il-konsenji ta' ikel u ta' provvisti essenzjali oħra lir-reġjun;
 - C. billi b'segwitu għall-ġlied ta' Settembru 2022, nibtu allegazzjonijiet skont liema ħafna prigionieri tal-gwerra Armeni ġew sottoposti għal abbużi fiżiċi u atti ta' umiljazzjoni; billi nibtu allegazzjonijiet oħra dwar każijiet ta' tortura u abbużi oħra min-naħa tal-forzi tal-Ażerbajġan kontra ċivili Armeni, inklużi l-persuni anzjani, kif ukoll każ ta' eżekuzzjoni ekstraġudizzjarja li sar fil-bidu tal-2021; billi nibtu wkoll allegazzjonijiet marbuta ma' mill-inqas, bejn wieħed u ieħor, 12-il eżekuzzjoni ekstraġudizzjarja oħra ta' truppi u ċivili Armeni li saru fl-2020 u fil-bidu tal-2021;
 - D. billi l-forzi taż-żamma tal-paċi Russi stazzjonati fir-reġjun la riedu u lanqas setgħu jipprevjenu attakki ulterjuri mill-Ażerbajġan u l-preżenza tagħhom naqset b'mod kostanti, speċjalment wara li bdiet l-gwerra ta' aggressjoni kriminali Russa kontra l-Ukrajna;
 - E. billi l-gwerra ta' aggressjoni Russa fil-konfront tal-Ukrajna kellha implikazzjonijiet għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u komplet tikkomplika s-sitwazzjoni tas-sigurtà fir-reġjun;
 - F. billi l-UE impenjat ruħha li tippromwovi b'mod attiv reġjun tal-Kawkasu tan-Nofsinhar sigur, stabbli, paċifiku u prosperu, b'rabtiet ekonomiċi, politiċi u kulturali b'saħħithom mal-UE; billi l-UE lesta tiżvolġi rwol attiv bħala sieħba kummerċjali affidabbli u medjatur onest biex jintlaħaq ftehim ta' paċi sostenibbli bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan, abbażi tal-azzjoni tagħha fil-promozzjoni tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem;
 - G. billi l-UE ssostni r-risoluzzjoni paċifika ta' eventwali kunflitti reġjonali mhux riżolti bis-saħħa ta' mezzi diplomatiċi;

- H. billi l-laqgħat ta' livell għoli saru Brussell bejn il-President Aliyev u l-Prim Ministru Pashinyan, bil-medjazzjoni tal-President Charles Michel, li bis-saħħa tagħhom ittieħdu impenji;
- I. billi b'segwitu għal-laqgħa kwadrilaterali bejn il-President Aliyev, il-Prim Ministru Pashinyan, il-President Macron u l-President Michel fis-6 ta' Ottubru 2022 fi Praga, l-UE bagħtet kapacià temporanja ta' monitoraġġ fuq ix-xaqliba Armena tal-konfini internazzjonali mal-Ażerbajġan, bl-objettiv li jsiru monitoraġġ, analiżi u rapportar dwar is-sitwazzjoni fir-reġjun;
- J. billi f'Marzu 2022 l-Ażerbajġan ippropona ħames prinċipji fundamentali għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Ażerbajġan u l-Armenja, fosthom ir-rikonossiment reċiproku tal-integrità territorjali, l-involabbiltà tal-fruntieri u l-indipendenza politika, il-konferma reċiproka tal-assenza ta' rivendikazzjonijiet territorjali fil-konfront ta' xulxin, l-obbligu ta' astensjoni mit-theddid għas-sigurtà nazzjonali ta' xulxin, id-delimitazzjoni u d-demarkazzjoni tal-konfini tal-Istat bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan u l-ftuħ għat-traffiku tal-infrastrutturi tat-trasport; billi l-Armenja qablet b'mod preliminari ma' tali prinċipji, u sussegwentement irrispondiet bi prinċipji ulterjuri, fosthom is-sigurtà u d-drittijiet tal-popolazzjoni ta' oriġini etnika Armena fin-Nagorno-Karabakh, id-determinazzjoni tal-istatus definittiv tar-reġjun, ir-ritorn tad-detenuati u r-ripristin tal-komunikazzjonijiet;
- K. billi normalizzazzjoni sostenibbli tar-relazzjonijiet bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan u bażi għal paċi ġusta u dejjiema jirrikjedu li jieqfu l-vjolenzi kollha, li l-kawżi profondi kollha tal-kunflitt jiġu indirizzati u li l-ftehimiet stipulati miż-żewġ partijiet jiġu implimentati bis-sħiħ bil-għan li jiġi żgurat l-iżvilupp taż-żewġ pajjiżi; billi tali għan jista' jintlaħaq biss jekk l-awtoritajiet tal-Armenja u tal-Ażerbajġan jiggwarantixxu l-koeżistenza paċifika, is-sigurtà u r-rispett tad-drittijiet tal-minoranzi;
- L. billi l-kunflitti armati bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan ħallew impatt katastrofiku fuq il-patrimonju kulturali, reliġjuż u storiku tar-reġjun kollu kemm hu;
- M. billi, fid-digriet tal-QIĠ tas-7 ta' Diċembru 2021 saru allegazzjonijiet gravi rigward l-involviment tal-awtoritajiet tal-Ażerbajġan fil-qerda ta' ċimiterji, knejjes u monumenti storiċi fin-Nagorno-Karabakh; billi skont dan id-digriet l-Armenja għandha l-obbligu li tiegħu l-miżuri kollha neċessarji biex tipprevjeni l-inċitament għall-mibegħda razzjali u l-promozzjoni tagħha mmirata lejn il-persuni ta' oriġini nazzjonali jew etnika tal-Ażerbajġan;
- N. billi s-sitwazzjoni f'termini ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali fl-Ażerbajġan għadha negattiva ħafna u għandna titjeb qabel ma l-UE tkompli ssaħħa is-sħubija politika u enerġetika tagħha mal-pajjiż;
- O. billi l-UE u l-Ażerbajġan qablu b'mod konġunt, permezz tal-Ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni tal-1996, fuq il-prinċipju ġenerali tar-rispett tad-demokrazija u tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-partijiet hađu l-impenn li jikkooperaw għar-rispett u għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari għal dawk tal-minoranzi;
- P. billi, b'diżrispett tal-Kostituzzjoni tal-Ażerbajġan, li tipprevedi l-libertà ta' għaqda

paċifika u l-libertà ta' assoċjazzjoni, l-awtoritajiet tal-Ażerbajġan jillimitaw b'mod kostanti u gravi tali libertajiet, b'hekk joħolqu kundizzjonijiet li jwasslu *de facto* għal projbizzjoni tal-libertà ta' għaqda; billi fl-Ażerbajġan l-ispazju għad-dispożizzjoni tal-attiviżmu indipendenti, tal-ġurnaliżmu kritiku u tal-attività tal-oppożizzjoni politika ġie limitat b'mod gravi; billi bosta attivisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ġurnalisti ġew arrestati u impriġunati skont liġijiet u regolamenti li jillimitaw l-attivitàjiet tal-gruppi indipendenti;

- Q. billi fl-Ażerbajġan għadha ma teżistix ġudikatura indipendenti u l-indhila fix-xogħol u fl-indipendenza tal-avukati huwa pervażiv; billi t-trattament ħażin waqt id-detenzjoni mill-pulizija huwa mifruż sew, allegatament għal finijiet ta' estorsjoni ta' konfessjonijiet, filwaqt li lid-detenu ti ġiġihom miċħud l-aċċess għall-familja, għal avukati indipendenti u għal kura medika indipendenti; billi l-awtoritajiet ġeneralment jiċċdu l-ilmenti ta' tortura u trattament ħażin ieħor waqt id-detenzjoni u dawn il-prattiki jkomplu jsiru b'impunità;
- R. billi l-awtoritajiet tal-Ażerbajġan qed jillimitaw kontinwament il-pluralità tal-media u l-libertà ta' espressjoni; billi l-oppożituri politiċi tal-Gvern, l-attivisti għad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti huma suġġetti għal diskors ta' mibegħda u vjolenza mmotivata minn raġunijiet politiċi u huma impriġunati b'mod arbitrarju; billi dawn il-każijiet mhumiex investigati biżżejjed; billi fl-Lulju 2021, il-proġett ta' ġurnaliżmu investigattiv dwar il-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni (Organized Crime and Corruption Reporting Project) irrapporta li l-ġurnalisti tal-Ażerbajġan huma fil-mira tal-istrument ta' software ta' spjunaġġ Pegasus tal-NSO;
- S. billi l-Indiċi Rainbow Europe tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Persuni Lezbbjani u Gay juri li l-Ażerbajġan għandu l-aġħar defiċit ta' leġislazzjoni u politiki maħsuba biex jipproteġu lill-persuni LGBTIQ, u jikklassifikawh fl-aħħar post fost il-pajjiżi kollha tal-Kunsill tal-Ewropa; billi d-diskors u r-reati ta' mibegħda fil-konfront tal-persuni LGBTIQ fl-Ażerbajġan jippersistu u, minħabba nuqqas ta' fiduċja fl-awtoritajiet inkarigati mill-infurzar tal-liġi u n-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tagħhom, normalment la jiġu rrapportati u lanqas ikkastigati; billi fl-2022 l-APKE adottat riżoluzzjoni dwar il-ksur tad-drittijiet tal-persuni LGBTIQ fil-Kawkasu tan-Nofsinhar u ppreżentat għadd ta' talbiet lill-awtoritajiet biex jirrifurmaw il-leġislazzjoni ħalli jiġi indirizzat dan il-ksur;
- T. billi l-Ażerbajġan ma rrispettax l-obbligu ta' diliġenza dovuta biex jipprevjeni, jinvestiga u jikkastiga l-vjolenza fuq in-nisa u jagħti miżuri ġuridiċi effikaċi għal dan il-għan; billi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru għadha pervażiva iżda qajla tiġi rrapportata fl-Ażerbajġan; billi r-rati ta' femminiċidju żdiedu u l-femminiċidju spiss huwa premeditat mill-membri tal-familja; billi għad hemm lakuni gravi fir-risposta uffiċjali għall-femminiċidju, fosthom in-nuqqas ta' protezzjoni u l-possibbiltà ta' rikors għall-appoġġ għall-vittmi li mnexxielhom jibqgħu ħażin;
- U. billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa huma sistematikament fil-mira, u suġġetti għalihom, ta' theddid, koerċizzjoni, swat mill-pulizija, vjolazzjoni tad-dritt għall-privatezza tagħhom u kampanji ta' malafama speċifiċi għal raġunijiet ta' ġeneru maħsuba biex jiskreditawhom u jsikktohom; billi l-ġurnalisti nisa u l-operaturi nisa l-oħra tal-media jħabbtu wiċċhom ma' perikli speċifiċi marbuta mal-ġeneru, fosthom abbużi, theddid, intimidazzjonijiet, fastidju sessisti, misogini u degradanti kif ukoll

aggressjonijiet u vjolenzi sesswali;

- V. billi l-korruzzjoni għadha mifruxa sewwa fl-Ażerbajġan; billi rapport tal-Korp ta' Investigazzjoni Indipendenti dwar l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni fi ħdan l-APKE tal-15 ta' April 2018 stabbilixxa li għadd ta' ex parlamentari tal-APKE ... aġixxew b'mod kuntrarju għall-kodiċi ta' kondotta tal-AKPE u li ċerti membri attwali u ex membri tal-APKE daħlu f'attività ta' korruzzjoni favur l-Ażerbajġan;
- W. billi l-Kawkasu tan-Nofsinhar jikkupa pożizzjoni strateġika fis-suq globali tal-enerġija u l-Ażerbajġan huwa fornitur strateġiku tal-enerġija (speċjalment ta' żejt u gass) tal-UE; billi f'dan ir-rwol tiegħu qed jikseb dejjem aktar importanza fid-dawl tal-bżonn tal-UE li tiddiversifika l-provvisti tal-enerġija tagħha;
- X. billi l-UE ssostni integrazzjoni ekonomika akbar mal-Ażerbajġan permezz tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u l-inizjattiva tas-Sħubija tal-Lvant; billi l-UE hija s-sieħba kummerċjali ewlenija tal-Ażerbajġan u tappoġġa l-adeżjoni tal-pajjiż mad-WTO kif ukoll id-diversifikazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-Ażerbajġan;
- Y. billi huwa neċessarju li tiġi żgurata konnettività bejn l-Ewropa u l-Asja li tevita li tgħaddi mit-territorju Russu; billi l-Ażerbajġan jikkupa pożizzjoni strateġika għall-promozzjoni tal-konnettività Ewro-Asjatika; billi l-UE għandha interess qawwi li tiżviluppa kurituri kummerċjali u enerġetiċi effiċjenti bjen l-Ewropa u l-Asja, kif intwera mill-konferenza dwar il-konnettività bejn l-UE u l-Asja Ċentrali li saret Samarkanda fit-18 ta' Novembru 2022;
- Z. billi ilhom għaddejnin mill-2017 in-negozjati dwar ftehim ta' sħubija ġdid bejn l-UE u l-Ażerbajġan; billi l-ftehim il-ġdid bejn l-UE u l-Ażerbajġan għandu jippromwovi l-interessi tal-UE fir-reġjun kif ukoll jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem, l-istandards u l-prinċipji demokratiċi, it-tkabbir u l-iżvilupp ekonomiku;

Riżoluzzjoni tal-kunflitti u normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet Armenja-Ażerbajġan

1. Iqis li l-kunflitt armat bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan fuq in-Nagorno-Karabakh, li matul is-snin ikkawża qerda u tbatija enormi, ostakola b'mod konsiderevoli l-iżvilupp u l-istabbiltà tar-reġjun tal-Kawkasu tan-Nofsinhar kollu kemm hu u għandu riperkussjonijiet fuq l-istabbiltà Ewropea f'sens usa'; jinsab konvint li paċi sostenibbli bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan ma tistax tinkiseb bil-mezzi militari u bit-theddid tal-użu tal-forza, iżda teħtieġ soluzzjoni politika komprensiva f'konformità mad-dritt internazzjonali, inklużi l-prinċipji minquxa fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, fl-Att Finali ta' Helsinki tal-OSKE tal-1975, b'mod partikolari t-tliet prinċipji tan-nonrikors għall-użu tal-forza, tal-integrità territorjali u tal-awtodeterminazzjoni, u l-Prinċipji Bażiċi tal-2009 tal-Grupp ta' Minsk tal-OSKE, kif ukoll il-ftehimiet li laħqu l-partijiet, fosthom id-Dikjarazzjoni ta' Alma-Ata tal-1991; jafferma mill-ġdid li, biex ikun effikaċi, trattat ta' paċi komprensiv irid jinkludi dispożizzjonijiet li jggarantixxu l-integrità tat-territorju sovrann Armen, id-drittijiet u s-sigurtà tal-popolazzjoni Armena residenti fin-Nagorno-Karabakh u f'żoni oħra li huma teatru ta' kunflitti u r-ritorn rapidu u sikur fi djarhom tar-rifuġjati u tal-persuni spostati internament kollha; jistieden lill-komunità internazzjonali tibqa' involuta f'dan il-kunflitt, li jirrigwarda l-istabbiltà u s-sigurtà tar-reġjun kollu kemm hu;

2. Jilqa' pożittivament il-bosta passi li għamlu l-mexxejja tal-Armenja u tal-Ażerbajġan biex jegħlbu d-diverġenzi tagħhom u jilħqu paċi dejjiema u sostenibbli fir-reġjun u jfaħħar l-impenn kostanti tagħhom fin-negozjati li għaddejjin; jistieden liż-żewġ partijiet ma jutilfux ir-ritmu li qabdu, jaqblu fuq progress konkret u jiżguraw ambjent sigur, protett u prosperu għall-għid tal-popolazzjonijiet etniċi kollha li jgħixu fir-reġjun;
3. Jikkundanna bil-qawwa l-aggressjoni militari reċenti fuq skala kbira min-naħa tal-Ażerbajġan f'Settembru 2022 kontra bosta objettivi fit-territorju sovrann tal-Armenja, li kkostitwixxa ksur gravi tad-dikjarazzjoni tal-waqfien mill-għied ta' Novembru 2020 u kkontradixxa impenji preċedenti, inklużi dawk meħuda fil-qafas tat-taħditiet bil-medjazzjoni tal-UE; jikkundanna l-inkursjonijiet militari li saru lil hinn mill-konfini mhux delimitati minn Mejju 2021; ihegġegħ ir-ritorn tal-forzi kollha għall-pożizzjonijiet inizjali tagħhom; jikkundanna kwalunkwe tentattiv li jiġi mminat il-proċess ta' paċi u jhegġegħ lill-partijiet kollha fil-kunflitt jastjenu minn użu ulterjuri tal-forza; itenni li l-integrità territorjali tal-Armenja u tal-Ażerbajġan trid tiġi rispettata bis-siġħ mill-partijiet kollha; jissottolinja d-disponibbiltà tal-UE li tkun involuta b'mod aktar attiv fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti fit-tul tar-reġjun; jinsab imħasseb bis-serjetà dwar l-imblokk tal-kuritur ta' Lachin; ihegġegħ lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan jiżguraw il-libertà u s-sigurtà tal-moviment tul il-kuritur kif preskritt mid-dikjarazzjoni trilaterali tad-9 ta' Novembru 2020; jistieden lill-Armenja u lill-Ażerbajġan jindirizzaw il-punti ta' tħassib kollha relatati mal-funzjonament tal-kuritur ta' Lachin permezz tad-djalogu u tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet involuti kollha;
4. Ihegġegħ lill-Armenja u lill-Ażerbajġan jimplimentaw b'mod siġħ id-dikjarazzjoni tripartitika dwar il-waqfien mill-għied tad-9 ta' Novembru 2020 fl-aspetti kollha tagħha; jisħaq fuq il-bżonn li jitmexxew 'il quddiem id-diskussjonijiet dwar it-trattat ta' paċi futur u li jiġu indirizzati l-kawżi profondi tal-kunflitt u li l-partijiet jastjenu minn kwalunkwe pass li jista' jwassal biex it-tensjonijiet ikomplu jiħraxu; jinsisti fuq il-bżonn urġenti li l-partijiet jastjenu minn kwalunkwe retorika jew azzjoni ostili li jistgħu jiġu perċepiti bħala inċitament għall-mibegħda jew vjolenza vera u proprja jew bħala turija ta' appoġġ għall-impunità, jew minn azzjonijiet li jirriskjaw li jikkompromettu l-isforzi maħsuba li jistabbilixxu u jippromwovu atmosfera li tiffavorixxi l-fiduċja, ir-rikonċiljazzjoni, il-kooperazzjoni u l-paċi sostenibbli, inklużi l-kuntatti interpersonali; jenfasizza l-bżonn urġenti ta' żieda u ta' kredibbiltà tal-miżuri li jsaħħu l-fiduċja bil-għan li jiġu miġġielda l-polarizzazzjoni, in-nuqqas ta' fiduċja, id-diskors ta' mibegħda u retorika xewwiexa oħra; huwa tal-fehma li l-konsegwenzi ta' dawn l-ostilitajiet u tal-preżenza tal-forzi taż-żamma tal-paċi Russi qed ikollhom effetti anki fuq l-iżviluppi politiċi fir-reġjun; jesprimi tħassib dwar il-preżenza tal-hekk imsejħa forzi taż-żamma tal-paċi Russi u dwar l-impatt potenzjali tagħhom fuq l-iżviluppi politiċi fil-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-futur tal-programm ta' riformi tar-reġjun;
5. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Ażerbajġan għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Armenja, inkluża l-proposta f'Marzu 2022 ta' ħames prinċipji, u jistieden liż-żewġ partijiet isibu soluzzjoni fattibbli biex ikun hemm kollegament bejn ir-reġjun tan-Nakhchivan mal-bqija tal-Ażerbajġan; ifakkar fl-impenn tal-Armenja li tirtira l-forzi armati tagħha u tiggarrantixxi s-sikurezza ta' kollegamenti tat-trasport bejn ir-reġjuni tal-Punent tar-Repubblika tal-Ażerbajġan u r-Repubblika Awtonoma tan-Nakhchivan, bil-għan li jiġi żgurat moviment mingħajr ostakli ta' ċittadini, vetturi u merkanzija fiż-żewġ direzzjonijiet; jinnota bi tħassib il-livell baxx ta' preċiżjoni tal-mapep għad-

dispożizzjoni relatati mal-mini tal-art; jistieden lill-Kummissjoni timmobilizza l-assistenza favur l-operazzjonijiet ta' tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji fin-Nagorno-Karabakh;

6. Jistieden lill-Armenja u lill-Azerbajġan jilhq u rikonċiljazzjoni dejjiema billi joħolqu mekkaniżmu ta' ġustizzja ta' tranżizzjoni bħala pass fid-direzzjoni tat-tisħiħ tal-fiduċja ħalli jiġu rikonoxxuti s-sofferenzi taż-żewġ naħat u jaħdmu għar-rikonċiljazzjoni abbażi ta' valutazzjoni tal-fatti li ġraw matul il-kunflitt armat, li beda fl-1988; jirrakkomanda li l-UE tappoġġa u tgħin tiffaċilita din il-ħidma f'kollaborazzjoni ma' organi oħrajn bħan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tal-Ewropa, l-OSKE, il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar (KISA) u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħrajn;
7. Ifakkar li l-atteġġjament passiv tal-UE matul u immedjatament wara l-gwerra tal-2020 tat lill-atturi reġjonali l-oħra, bħar-Russja, l-Iran u t-Turkija, l-opportunità li jkomplu jeżerċitaw l-influenza tagħhom fir-reġjun; ifakkar li diplomazija Ewropea preventiva aktar attiva setgħet timpedixxi riżultat bħal dan;
8. Jenfasizza li mill-invażjoni Russa fuq skala kbira tal-Ukrajna fi Frar 2022, il-kuntest fir-reġjun tal-Kawkasu nbidel billi l-kredibbiltà u l-kapaċità tar-Russja bħala intermedjarju u medjatur onest ġew danneġġjati; jissottolinja li r-Russja tiżvolġi rwol diżonest u dannuż fir-reġjun u ma għandha l-ebda interess li ssib soluzzjoni paċifika għall-kunflitt tan-Nagorno-Karabakh inkwantu l-prolungament tiegħu jagħti lil Moskwa poter importanti li tinfluwenza kemm lill-Armenja kif ukoll lill-Azerbajġan; iwissi għaldaqstant kontra kwalunkwe ftehim strateġiku mar-Russja, li għandha tiġi ttrattata bħala parja internazzjonali minn mindu bdiet l-invażjoni tal-Ukrajna;
9. Jikkundanna r-rwol espansjonistiku u destabilizzanti tat-Turkija fil-Kawkasu tan-Nofsinhar, anki permezz tal-fatt li baġtet merċenarji Sirjani jiġġieldu fuq in-naħa tal-Azerbajġan kontra l-Armenja fit-tieni gwerra tan-Nagorno-Karabakh fl-2020; jemmen li, biex it-Turkija tkun tista' tiżvolġi rwol kostruttiv fir-reġjun, imissha tikkunsidra mill-ġdid l-appoġġ inkundizzjonat tagħha lill-Azerbajġan u tieħu passi konkreti lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Armenja;
10. Jappoġġa bil-qawwa, għaldaqstant, l-inizjattiva tal-President Charles Michel li jikkonvoka u jimmedja laqgħat bilaterali bejn il-mexxejja tal-Armenja u tal-Azerbajġan u jinkoraġġixxi l-ħidma fil-post tar-rappreżentant speċjali tal-UE għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia;
11. Jistieden lill-VP/RGħ u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jintensifikaw l-isforzi biex jerġgħu jagħtu l-ħajja u jikkontribwixxu b'mod effikaċi għar-riżoluzzjoni paċifika ta' dan il-kunflitt, anki permezz tal-appoġġ għall-miżuri ta' stabbilizzazzjoni, riabilitazzjoni wara l-kunflitt, rikostruzzjoni u tisħiħ tal-fiduċja;
12. Iħeġġeġ lill-gvernijiet taż-żewġ pajjiżi jimpenjaw ruħhom b'mod sħiħ biex jabbozzaw trattat ta' paċi komprensiv u reċiprokament aċċettabbli li jkun jindirizza d-drittijiet u s-sigurtà tal-popolazzjoni kollha tan-Nagorno-Karabakh, ir-ritorn tal-persuni spostati internament u tar-rifuġjati u l-protezzjoni tal-patrimonju kulturali, reliġjuż u storiku; jilqa' pożittivament, f'dan ir-rigward, il-laqgħat tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin taż-żewġ pajjiżi fit-30 ta' Settembru 2022 f'Ġinevra u fit-8 ta' Novembru 2022

f'Washington D.C.; jisħaq li għandha tinstab soluzzjoni ġuridika fattibbli rigward id-drittijiet u s-sigurtà tal-popolazzjoni tan-Nagorno-Karabakh bil-għan li tiġi garantita riżoluzzjoni dejjiema tal-kunflitt;

13. Jistieden lill-Ażerbajġan jiżgura s-sikurezza u r-rispett tad-drittijiet tal-minoranzi kollha tar-reġjun tan-Nagorno-Karabakh, inkwantu dan huwa rekwiżiti preliminari essenzjali biex jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għar-riabilitazzjoni wara l-kunflitt u għar-rikonċiljazzjoni reali;
14. Jilqa' b'sodisfazzjon it-twaqqif tal-kummissjonijiet għad-delimitazzjoni tal-fruntieri tal-Ażerbajġan u tal-Armenja u jieħu nota tal-progress li sar fir-rigward tal-proċess tad-delimitazzjoni tal-fruntieri; jisħaq fuq l-importanza li jiġu organizzati laqgħat aktar regolari tal-kummissjonijiet tal-fruntieri bil-għan li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet kollha marbuta mal-fruntieri, titjeb is-sitwazzjoni tas-sigurtà u jsir progress fil-qasam tad-delimitazzjoni; jitlob li l-proċess ta' delimitazzjoni jiġi ffaċilitat fil-livell internazzjonali mill-UE bil-għan li jiġu żgurati l-kredibbiltà, l-ekwità u s-sostenibbiltà;
15. Jilqa' pożittivament il-ħidma tal-Kapaċità ta' Monitoraġġ tal-UE fl-Armenja, li lestiet l-attivitajiet tagħha fid-19 ta' Diċembru 2022; jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim biex tintbagħat missjoni ċivili tal-UE fl-Armenja, fl-ambitu tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, matul ix-xaqliba Armena tal-konfini internazzjonali mal-Ażerbajġan biex tikkontribwixxi għall-istabbiltà fiż-żona tal-fruntieri tal-Armenja, issaħħaħ u tippromwovi l-fiduċja, issaħħaħ ir-reżiljenza u tistabbilixxi djalogu bejn iż-żewġ naħat, li huma l-uniċi proprjetarji tal-proċess ta' paċi; jilqa' b'sodisfazzjon id-disponibbiltà tal-Armenja li taġevola l-missjoni fuq it-territorju tagħha u jistieden lill-Ażerbajġan jippermetti l-preżenza ta' osservaturi tal-UE anki fuq ix-xaqliba tiegħu tal-konfini;
16. Jilqa' pożittivament l-assistenza umanitarja li tat l-UE lill-popolazzjoni milquta mill-kunflitt fin-Nagorno-Karabakh u fil-madwar tiegħu u r-rwol ta' tmexxija tagħha biex tagħti l-assistenza tagħha għall-operazzjonijiet tat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji fiż-żoni milquta mill-kunflitt; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura finanzjamenti u assistenza addizzjonali għall-isforzi tat-tneħħija tal-mini, inklużi t-tagħmir, it-taħriġ u l-edukazzjoni dwar ir-riskju; jitlob li jkun hemm aktar kooperazzjoni fil-qasam tat-tneħħija tal-mini ma' esperti tal-Istati Membri u organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs); jitlob lill-Armenja tforni mapep preċiżi tal-mini tal-art fir-reġjuni deokkupati tal-Ażerbajġan;
17. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-assistenza tal-UE lill-persuni fil-bżonn, anki fin-Nagorno-Karabakh, taġevola l-implimentazzjoni ta' miżuri aktar ambizzjużi għat-tisħiħ tal-fiduċja, tippromwovi d-djalogu interreliġjuż u interetniku, tipproteġi d-drittijiet tal-minoranzi u tintensifika l-kuntatti interpersonali bejn iċ-ċittadini fuq iż-żewġ naħat tal-konfini bil-għan li titfa' s-sisien għal koeżistenza sostenibbli u paċifika; jitlob li jinstabu soluzzjonijiet reċiprokament aċċettabbli għar-ritorn bla periklu tal-popolazzjonijiet spostati;
18. Jitlob li lill-organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti, jingħata l-aċċess għan-Nagorno-Karabakh u jfakkar li attwalment l-aċċess għar-reġjun huwa permess biss lill-KISA, u dan mhux biżżejjed biex issir valutazzjoni preċiża tal-kundizzjonijiet u tal-bżonnijiet tal-popolazzjoni residenti hemm;

19. Għadu mħasseb bid-destin tal-priġunieri Armeni, kemm militari kif ukoll ċivili, li kienu jinsabu f'detenzjoni matul l-kunflitt kif ukoll warajh u li għadhom miżmuma mill-Ażerbajġan u jilqa' favorevolment il-ħelsien ta' wħud minnhom; ifakkar li kemm l-Armenja kif ukoll l-Ażerbajġan huma partijiet tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra (III) relatata mat-Trattament tal-Priġunieri tal-Gwerra, li tistabbilixxi li l-priġunieri tal-gwerra għandhom jiġu ttrattati dejjem b'mod uman u meħlusa u rimpatrijati mingħajr dewmien u mingħajr kundizzjonijiet wara li jieqfu l-ostilitajiet attivi; jistieden lin-naħat kollha jiċċaraw id-destin u l-post fejn jinsabu l-persuni li għebu u jittrattaw il-kataври b'dinjità; jitlob il-ħelsien minnufih u mingħajr kundizzjonijiet tad-detenu kollha li fadal, inklużi dawk li nqabdu matul il-konfronti militari reċenti, u li jiġu ttrattati f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali;
20. Jinsab ixxukkjat bil-filmati li fihom jidhru xeni ta' tortura, mutilazzjoni u qtil ta' suldat Armena u ta' priġunieri tal-gwerra Armeni diżarmati min-naħa tal-forzi armati tal-Ażerbajġan u jikkundanna l-fatt li dawn il-filmati nxterdu pubblikament; jitlob li ssir investigazzjoni totali u imparzjali tal-filmati biex jiġu identifikati l-persuni responsabbli u biex dawn jagħtu kont ta' għemilhom; jikkundanna l-każijiet kollha ta' tortura u għajbien furzat, inklużi dawk imwettqa f'kunflitt armat, kif ukoll it-trattament ħażin u l-profanazzjoni tal-kataври; jisħaq fuq il-fatt li dawn l-atti jiksru l-konvenzjonijiet tal-Ġinevra li ġew ratifikati mill-Ażerbajġan u jistgħu jikkostitwixxu delitti tal-gwerra;
21. Jiddeplora l-ftuħ tal-hekk imsejjaħ Park tat-Trofej ta' Baku, inawgurat fit-12 ta' April 2021, inkwantu jimmina t-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan; jieħu nota tad-deċiżjoni biex jitneħħew il-figuri tax-xema' diżumanizzanti u l-elmi mill-Park tat-Trofej wara l-protesti internazzjonali u l-azzjoni legali ppreżentata mill-Armenja lill-QIĠ;
22. Jinsisti fuq il-fatt li ż-żewġ Stati għandhom l-obbligu internazzjonali li jwettqu investigazzjonijiet indipendenti, fil-pront, pubbliċi u effikaċi u jħarrku l-allegazzjonijiet kredibbli kollha relatati ma' ksur gravi tal-konvenzjonijiet ta' Ġinevra u ksur ieħor tad-dritt internazzjonali u mad-delitti tal-gwerra, bil-għan li jiġi żgurat li dawk responsabbli jagħtu kont ta' għemilhom u l-vittmi jingħataw id-dritt għal rimedju;
23. Jiddeplora l-qerda tal-patrimonju kulturali, reliġjuż u storiku tal-Armenja u tal-Ażerbajġan mill-bidu tal-kunflitt tan-Nagorno-Karabakh; jitlob li l-Ażerbajġan u l-Armenja jastjenu milli jkomplu jeqirdu u jalteraw dan il-patrimonju u jggarantixxu f'dan ir-rigward li ma jkunx hemm impedimenti liċ-ċittadini biex jeżerċitaw id-dritt għal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin; iħeġġeġ liż-żewġ pajjiżi jimpenjaw sinċerament ruħhom biex jippreservaw, jipproteġu u jippromwovu din id-diversità rikka tkun xi tkun l-oriġini tagħha u mingħajr approprjazzjoni indebita jew klassifikazzjoni żbaljata; jagħmel appell għar-responsabbiltà rigward ir-reati kollha ta' qerda u alterazzjoni u għall-konservazzjoni u għar-restawr, konformement mal-istandards u mal-indikazzjonijiet tal-UNESCO, tas-siti li ġarrbu danni, kif ukoll involviment akbar tal-komunità internazzjonali fil-konservazzjoni tal-patrimonju kulturali, reliġjuż u storiku tar-reġjun; jistieden lill-Armenja u lill-Ażerbajġan jippermettu u jaġevolaw b'urġenza missjoni tal-UNESCO fiż-żewġ pajjiżi mingħajr kundizzjonijiet preliminari;
24. Jissottolinja f'dan ir-rigward l-obbligi tal-Ażerbajġan u tal-Armenja skont id-deċiżjoni tal-QIĠ tas-7 ta' Diċembru 2021 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri urġenti li jimponu lill-

Ażerbajġan jipprevjeni u jikkastiga l-atti ta' vandaliżmu u profanazzjoni li jolqtu l-patrimonju kulturali Armen, fosthom, bħala eżempju, knejjes u postijiet oħra ta' qima, monumenti, imfakar, ċimiterji u artifatti; jinsisti fuq il-fatt li l-Ażerbajġan u l-Armenja jirrispettaw bis-sħiħ il-Konvenzjoni Internazzjonali tal-UNESCO għall-Protezzjoni tal-Beni Kulturali f'każ ta' Kunflitt Armat tal-1954, imsejħa b'mod komuni l-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1945, li tobbliga lill-partijiet jastjenu minn kull att ta' ostilità fir-rigward tal-beni kulturali;

25. Jinkoraġġixxi aktar kuntatti bilaterali bejn l-awtoritajiet politiċi tal-Armenja u tal-Ażerbajġan kif ukoll inizjattivi li jipromwovu l-kuntatti interpersonali bejn iż-żewġ pajjiżi, speċjalment fil-livell tas-soċjetà ċivili, tal-universitajiet, tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u tal-NGOs; jisħaq fuq il-bżonn li ssir konsultazzjoni u kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili u mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet relatati mar-riżoluzzjoni tal-kunflitti, mal-konsolidament tal-paċi u mar-rikonċiljazzjoni u mal-assistenza umanitarja, kif ukoll l-importanza għal dawn l-organizzazzjonijiet li jkollhom finanzjamenti sostenibbli u l-libertà li jagħmlu xogħolhom mingħajr restrizzjonijiet; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni ssostni lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Armenja u fl-Ażerbajġan li jikkontribwixxu tassew għar-rikonċiljazzjoni;
26. Jenfasizza l-effett speċifiku tal-kunflitt fuq in-nisa u l-gruppi emarġinati, inkluża ż-żieda fil-vjolenza domestika fil-perjodu wara l-gwerra reċenti, kif ukoll l-esklużjoni tan-nisa mill-proċess ta' paċi uffiċjali; jistieden lill-Gvern tal-Ażerbajġan u lill-medjaturi internazzjonali jneħħu l-ostakli għall-parteciġazzjoni tan-nisa fis-setturi kollha u jinkludu sistematikament fil-konsultazzjonijiet kollha lill-esperti nisa u lid-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem;
27. Ifakkar li l-PEV tissottolinja l-bżonn li jissaħħu r-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi ġirien u tipromwovi l-kooperazzjoni reġjonali;

Drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali

28. Ifakkar li l-Ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni tal-1996 bejn l-UE u l-Ażerbajġan huwa bbażat fuq ir-rispett tad-demokrazija, tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem u dawn inkisru sistematikament fl-Ażerbajġan; jisħaq fuq il-fatt li l-azzjoni esterna tal-UE, inklużi l-ftehimiet tagħha mal-pajjiżi terzi, għandha tissejjes fuq il-valuri fundamentali tal-UE, b'mod partikolar r-rispett tad-demokrazija, tal-stat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza l-bżonn li kwalunkwe kooperazzjoni ulterjuri bejn l-UE u l-Ażerbajġan tkun subordinata għall-progress effettiv u tanġibbli tal-pajjiż lejn ir-rispett tal-istandards internazzjonali u tal-impenji internazzjonali, b'mod partikolari dawk relatati mad-demokrazija, mad-drittijiet tal-bniedem, mal-istat tad-dritt u mal-libertajiet fundamentali, speċjalment il-libertà ta' espressjoni u assoċjazzjoni, il-governanza tajba, id-drittijiet tal-minoranzi, il-libertà tal-media u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
29. Jinnota n-natura multikulturali u multireliġjuż tal-Ażerbajġan u jistieden għalhekk lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jiżguraw it-trattament mhux diskriminatorju tal-minoranzi nazzjonali u jkomplu b'mod attiv bl-investigazzjonijiet u bil-kundanni għal reati mmotivati mill-mibegħda bi sfond reliġjuż

- u tal-ġeneru jew għal raġunijiet etniċi; jistieden lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan jiżguraw li l-gruppi minoritarji kollha jirċievu edukazzjoni bil-lingwi nazzjonali tagħhom u jgawdu minn opportunitajiet indaqs, rappreżentanza adegwata fil-ħajja politika u kulturali, fil-mezzi ta' informazzjoni pubbliċi u fl-amministrazzjoni; jistieden lill-Ażerbajġan jiproteġi u jippromwovi l-patrimonju kulturali tanġibbli u mhux tanġibbli, il-lingwi u t-tradizzjonijiet tal-minoranzi nazzjonali tiegħu;
30. Jenfasizza l-osservazzjonijiet konklużivi dwar l-ġħaxar, il-ħdax u t-tnax-il rapport dwar l-Ażerbajġan tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali tat-30 ta' Awwissu 2022, li fihom ġie espress tħassib dwar l-inkitament għall-mibegħda razzjali u t-tixrid ta' sterjotipi razzisti fil-konfront ta' persuni ta' oriġini nazzjonali jew etnika Armena, fuq l-internet u l-media soċjali, kif ukoll minn personalitajiet pubbliċi u uffiċjali tal-gvern, u dwar in-nuqqas ta' informazzjoni dettaljata rigward l-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet, il-kundanni u s-sanzjonijiet ta' tali atti;
 31. Jistieden lill-Gvern u lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan jiddefendu b'urġenza l-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem u jastjenu minn kwalunkwe applikazzjoni inġustifikata tad-dritt kriminali biex jillimitaw tali drittijiet u libertajiet; jesprimi tħassib kbir għall-fatt li l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fundamentali fl-Ażerbajġan isegwu mudell sistemiku u mifruż u jolqot id-drittijiet taċ-ċittadini għal-libertà u għas-sigurtà;
 32. Jiddispjaċih bil-kbir bis-sitwazzjoni attwali tal-libertà tal-media fl-Ażerbajġan; jesprimi tħassib dwar il-liġi l-ġdida dwar il-media adottata f'Diċembru 2021 li effettivament tipprojbixxi kull forma ta' ġurnaliżmu indipendenti u l-ħidma tal-ġurnalisti eżiljati tal-Ażerbajġan; jissottolinja l-importanza fundamentali tal-libertà ta' espressjoni u tal-libertà tal-media fis-soċjetajiet demokratiċi; jistieden lill-Ażerbajġan iżid l-isforzi tiegħu biex jippermetti ambjent indipendenti u pluralistiku tal-media f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet inklużi fl-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja tas-17 u t-18 ta' Ġunju 2022; iħeġġeġ lill-Ażerbajġan iwaqqaf il-vessazzjonijiet fil-konfront ta' bloggers, ġurnalisti u organizzazzjonijiet fil-qasam tal-media, li jiġu suġġetti għal detenzjoni jew priġunerija fuq il-bażi ta' akkużi varji, u jiżgura li jgawdu minn ambjent ta' xogħol bla periklu; jistieden lill-Ażerbajġan jeħles il-ġurnalisti u l-bloggers kollha attwalment detenuti talli esprimew l-opinjoni tagħhom;
 33. Jistieden lill-Gvern tal-Ażerbajġan jiddepenalizza l-malafama u jimplementa r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti u ta' operaturi oħra tal-media;
 34. Jikkundanna ċ-ċensura tal-aċċess għall-informazzjoni fl-Ażerbajġan u jistieden lill-awtoritajiet itejbu l-aċċess għall-internet u l-kopertura tal-komunikazzjonijiet; jistieden lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan jallinjaw mal-istandards Ewropej il-leġiżlazzjoni u l-prassi li jaffettwaw il-libertà ta' aċċess għall-internet;
 35. Jirrakkomanda lis-SEAE, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-appoġġ u l-kooperazzjoni tagħhom fil-konfront tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mar-restrizzjonijiet għal xogħolhom; jistieden lill-Gvern tal-Ażerbajġan jistabbilixxi djalogu politiku regolari u approfondit mas-soċjetà ċivili bil-għan li jinkoraġġixxi riformi ambizzjużi u kondiviżi

b'mod wiesa' maħsuba biex l-istituzzjonijiet isiru aktar demokratiċi u indipendenti, jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertà tal-media u jiżviluppaw kuntest regulatorju li fih is-soċjetà ċivili tkun tista' topera mingħajr indħil indebitu;

36. Jikkundanna bil-qawwa l-persekuzzjoni u r-repressjoni, kemm flivell intern kif ukoll barra mill-pajjiż, ta' attivisti politiċi, ġurnalisti, studenti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi dawk arrestati talli għamlu appelli pubbliċi għall-paċi matul il-ġlied ta' Settembru 2022, permezz ta' intimidazzjonijiet, arresti, torturi, detenzjonijiet, kampanji ta' malafama, serq ta' persuni, probbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar mingħajr ma jiġu infurmati dawk fil-mira tagħhom u azzjonijiet legali; iħeġġeġ lill-Ażerbajġan iwaqqaf dawn il-prattiki u jeħles lill-priġunieri politiċi u lill-priġunieri minħabba twemmin kollha li bħalissa miżmuma f'detenzjoni; jiddispjaċih bil-fatt li l-Ażerbajġan ma kkonformax ruħu b'mod sħiħ mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; jistieden lill-Ażerbajġan jimplimenta b'mod sħiħ dawn id-deċiżjonijiet u jelimina l-għadd akkumulat ta' kawżi li għadhom ma ġewx implimentati; iħeġġeġ lill-Ażerbajġan ikompli jadotta l-miżuri neċessarji kollha biex jimpedixxi l-applikazzjoni arbitrarja tal-leġiżlazzjoni tiegħu għal motivi politiċi; itenni l-pożizzjoni tiegħu skont liema il-ħelsien tal-priġunieri politiċi kollha huwa kundizzjoni indispensabbli għal ftehim ta' sħubija ġdid bjen l-UE u l-Ażerbajġan;
37. Jistieden lill-Kunsill teżamina l-possibbiltà ta' sanzjonijiet individwali mmirati fl-ambitu tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem fil-konfront ta' uffiċjali tal-Ażerbajġan li kkommettew ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem, bħall-uffiċjali inkarigati mill-infurzar tal-liġi, b'mod partikolari fid-dawl tal-vjolenza mifruxa tal-pulizija kontra attivisti politiċi, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ġurnalisti;
38. Jistieden lid-delegazzjoni tal-UE u lir-rappreżentanzi tal-Istati Membri tagħha fl-Ażerbajġan iżidu l-appoġġ tagħhom għall-ħidma tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u, jekk ikun il-każ, jaġevolaw il-ħruġ ta' viżi ta' emerġenza u jagħtu kenn temporanju fl-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Ażerbajġan jirratifika l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat tan-Nazzjonijiet Uniti;
39. Jikkundanna bil-qawwa l-intimidazzjonijiet, it-theddid ta' mewt u t-tentattivi ta' omiċidju fil-konfront ta' oppożituri tal-Gvern tal-Ażerbajġan, anki fil-pajjiżi Ewropej, u fil-konfront ta' ċittadini tal-Ażerbajġan li ngħataw ažił politiku mill-Istati Membri, bħal Mahammad Mirzali fi Franza; jenfasizza li għall-Istati Membri l-prevenzjoni ta' kwalunkwe att ta' ritaljazzjoni fuq it-territorju tagħhom hija kwistjoni ta' demokrazija, drittijiet tal-bniedem, sigurtà u sovranià; jinsisti biex l-Europol issegwi mill-qrib il-kwistjoni;
40. Jinsisti li l-Ażerbajġan jiżgura d-dritt għall-għaqda paċifika u jistieden lill-pajjiż ma jibqax jimpedixxi l-marċ tal-Jum Internazzjonali tal-Mara;
41. Jišhaq fuq l-importanza tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tar-rappreżentanza tan-nisa fil-livelli kollha tal-ħajja soċjali u politika; jistieden lill-Gvern tal-Ażerbajġan jirratifika l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, jadotta l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar ir-riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Nisa, il-Paċi u s-

Sigurtà, jimplimenta l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2022-2025 tal-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti u jadotta u jimplimenta l-politiki maħsuba biex jiġġieldu l-vjolenza domestika u abbażi tal-ġeneru; jinsisti bil-qawwa li l-awtoritajiet tal-Azerbajġan jagħmlu investigazzjoni fil-pront, imparzjali u effikaċi fuq kull każ irrapportat ta' vjolenza, diskriminazzjoni u fastidju fil-konfront tan-nisa u jiġġieldu l-impunità; jistieden lill-awtoritajiet tal-Azerbajġan iwaqqfu l-fastidju sistematiku fil-konfront tad-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ġurnalisti nisa u tal-operaturi nisa l-oħra tal-media u jwaqqfu l-kampanji ta' malafama, id-detenzjoni u l-ksur arbitrarju u illeċitu tal-ħajja privata, tal-korrispondenza u ta' komunikazzjonijiet privati oħra speċifiċi għal raġunijiet ta' ġeneru;

42. Ifakkar li l-pożizzjoni tal-Parlament kienet ċara rigward in-nondiskriminazzjoni fil-konfront tal-persuni LGBTIQ, il-protezzjoni tagħhom kontra d-diskriminazzjoni fid-dritt u fil-prattika u l-prosekuzzjoni tal-atti kollha ta' abbuż, diskors ta' mibegħda u vjolenza fiżika mwettqa fil-konfront tagħhom; ihegġegħ lill-awtoritajiet tal-Azerbajġan jadottaw leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni li żżid l-orjentament sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi sesswali bħala raġunijiet illegali ta' diskriminazzjoni; ihegġegħ lill-Azerbajġan jadotta proċedimenti ċivili, amministrattivi u/jew kriminali biex jiproteġu lill-persuni mid-diskors u mir-reati ta' mibegħda; jistieden lill-awtoritajiet jirrifurmaw il-leġiżlazzjoni kriminali billi jiżiedu r-raġunijiet imsemminjati hawn fuq bħala ċirkostanzi aggravanti u jiġġieldu l-vjolenza ispirata mill-fobija fil-konfront tal-persuni LGBTIQ; itenni l-appell tal-APKE lill-awtoritajiet tal-Azerbajġan biex jinvestigaw il-każijiet ta' arrest illegali ta' persuni LGBTIQ u jipprevjenu u u jiġġieldu l-vjolenza tal-pulizija kontra dawn il-persuni;
43. Jikkundanna d-diżinformazzjoni li ġejja mill-Azerbajġan kontra l-Punent, b'mod partikolari wara l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna; josserva li n-narrattivi użati kontra l-Punent huma riprodotti bl-eżatt mill-propaganda Russa, inklużi l-attakki għad-drittijiet LGBTIQ jew l-allegat theddid għall-valuri tradizzjonali;
44. Jesprimi dispjaċir kbir għall-inkapaċità tal-Azerbajġan li jimplimenta b'mod sħiħ il-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali, irratifikata mill-pajjiż, fatt li jikser l-impenn tal-Azerbajġan li jħares id-drittijiet tal-minoranzi etniċi bħal-Leżgi, it-Talixi, l-Armeni u l-Kurdi;
45. Jistieden lill-Azerbajġan jelimina r-restrizzjonijiet attwali, itaffi l-piż amministrattiv fuq l-NGOs u jbidel il-leġiżlazzjoni restrittiva dwar ir-reġistrazzjoni, l-operat u l-finanzjament tal-NGOs; jistieden lill-Azerbajġan jelimina wkoll ir-restrizzjonijiet fuq il-komunitajiet reliġjużi, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mar-reġistrazzjoni u mal-finanzjament tagħhom; jistieden lill-Azerbajġan jelimina r-restrizzjonijiet leġiżlattivi attwali għall-istituzzjonijiet donaturi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali li jappoġġaw il-ħidma tas-soċjetà ċivili; jistieden lill-Kummissjoni tħaffef l-isforzi tagħha fl-Azerbajġan biex tneħħi r-restrizzjonijiet għall-attivitajiet tas-soċjetà ċivili, trawwem l-adozzjoni ta' liġijiet ġodda u tipprevedi aktar involviment tal-NGOs indipendenti fil-proġetti ffinanzjati mill-UE u fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni;
46. Huwa ferm imħasseb bil-fatt li l-abbozz ta' liġi dwar il-partiti politiċi jista' jkompli jillimita l-libertà ta' assoċjazzjoni taċ-ċittadini tal-Azerbajġan, b'hekk issir aktar diffiċli

r-reġistrazzjoni tal-partiti politiċi; ihegġegħ lill-Ażerbajġan jirrifirma l-qafas ġuridiku elettoralu tiegħu biex ikun allinjat mal-istandards u mal-obbligi internazzjonali, jiggarrantixxi d-drittijiet u l-libertajiet kostituzzjonalment protetti u jindirizza r-rakkomandazzjonijiet pendenti tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Kummissjoni ta' Venezja; jitlob li l-elezzjonijiet isiru f'konformità mal-istandards internazzjonali u fir-rispett tal-impenji tal-Ażerbajġan bħala Stat parteċipanti fl-OSKE;

Governanza tajba, ġustizzja, stat tad-dritt u ġlieda kontra l-korruzzjoni

47. Huwa mħasseb bin-nuqqas persistenti ta' indipendenza, imparzjalità u effikaċja tal-ġudikatura kif ukoll bin-nuqqas ta' trasparenza fid-deċiżjonijiet tagħha u bin-nuqqasijiet proċedurali sistematiċi; ihegġegħ lill-Ażerbajġan jirrifirma s-servizzi ġudizzjarji u tal-prosekuzzjoni bil-għan li tiġi żgurata l-indipendenza totali tal-ġudikatura, inkluż tal-Kunsill Ġudizzjarju u Legali, li ma għandux ikollu interventi mill-aġenziji inkarigati mill-infurzar tal-liġi bil-għan li tiżdied il-fiduċja tan-nies fis-sistema ġudizzjarja; ihegġegħ, barra minn hekk, lill-Ażerbajġan iwaqqaf ir-restrizzjonijiet tal-aċċess għall-Kamra tal-Avukati min-naħa tal-avukati impenjati f'każijiet marbuta mad-drittijiet tal-bniedem u ma jibqax juża l-proċeduri dixxiplinari bħala mezz biex jeżerċita pressjonijiet fuq tali avukati; ihegġegħ lill-awtoritajiet jallinjaw il-Kodiċi ta' Kondotta mal-istandards internazzjonali dwar il-libertà ta' espressjoni; jistieden lill-Ażerbajġan jiżgura u jinforza d-dritt għas-servizzi legali furnuti minn avukati indipendenti; jieħu nota tal-miżuri meħuda biex tissaħħaħ l-indipendenza ġudizzjarja f'konformità mad-Digriet Presidenzjali tat-3 ta' April 2019 dwar l-approfondiment tar-riformi tas-sistema ġudizzjarja u ġuridika, inklużi l-azzjonijiet leġislattivi u amministrattivi implimentati biex jiżguraw l-indipendenza tal-ġudikatura u tal-imħallfin; jinkoraġġixxi lill-Ażerbajġan ikompli l-isforzi tiegħu biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni fir-rigward tat-tisħiħ tal-indipendenza ġudizzjarja;
48. Jiddispjaċih bil-progress limitat li sar mill-Ażerbajġan fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni u fil-ġlieda kontriha; jieħu nota tal-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali komprensiv għat-Tisħiħ tal-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni, immirat biex jikkonsolida u jsaħħaħ l-isforzi tal-awtoritajiet kontra l-korruzzjoni; jistieden lill-Ażerbajġan jindirizza n-nuqqas ta' sistema effikaċi ta' dikjarazzjoni tal-assi għall-membri tal-parlament, għall-imħallfin u għall-prosekuturi biex jissaħħaħ ir-rwol tal-ġudikatura fi ħdan il-Kunsill Ġudizzjarju u Legali u tiġi eliminata l-influenza indebita tal-gvern fl-Uffiċċju tal-Prosekutur; jiddispjaċih li l-Ażerbajġan ma għandux sistema ta' finanzi pubbliċi trasparenti, anki f'dak li għandu x'jaqsam mal-akkwist u mas-sejħa għall-offerti;
49. Jikkundanna l-attivitajiet ta' ħtif mill-elit tal-Ażerbajġan f'diversi organizzazzjonijiet internazzjonali maħsuba biex idgħajfu l-kritika internazzjonali tar-reġim, b'mod partikolari fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, kif juri l-każ ta' ċerti membri attwali u preċedenti tal-APKE li kienu daħlu f'attività ta' korruzzjoni favur l-Ażerbajġan;

Sigurtà u sfidi ġeopolitiċi

50. Jilqa' b'sodisfazzjon l-appoġġ uffiċjali min-naħa tal-Ażerbajġan favur l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna kif ukoll l-għajnuna umanitarja li ta lill-

Ukrajna matul il-gwerra li għaddejja; huwa, madankollu, imħasseb immens għad-Dikjarazzjoni dwar l-Alleanza bejn ir-Repubblika tal-Ażerbajġan u l-Federazzjoni Russa ffirmata fi Frar 2022 f'Moska; jieħu nota, barra minn hekk, tan-nuqqas ta' appoġġ min-naħa tal-Ażerbajġan għar-riżoluzzjonijiet ivvutati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u jħeġġeġ lill-Ażerbajġan jiżgura li ma jkunx hemm ċirkonvenzjoni tas-sanzjonijiet kontra r-Russja;

51. Jesprimi tħassib għall-azzjonijiet destabilizzanti u terroristiċi fil-Kawkasu tan-Nofsinhar; jikkundanna bil-qawwa kwalunkwe att ta' terroriżmu; jilqa' pożittivament il-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà bejn l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-Ażerbajġan u jappoġġa bis-sħiħ l-approfondiment ulterjuri tal-kooperazzjoni kontra t-terroriżmu; jitlob, b'mod partikolari, kooperazzjoni aktar qawwija fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu Iżlamiku;
52. Jikkundanna l-użu mifrux enormi u illegali tas-software ta' sorveljanza Pegasus tal-grupp NSO u taċ-ċibersigurtà ta' repressjoni użata mill-Ażerbajġan fil-konfront ta' ġurnalisti, bloggers, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, avukati u politiċi u jistieden lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan jastjenu mill-użu ta' tali software; jerġa' jħeġġeġ, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tfassal lista ta' software ta' sorveljanza illeċiti u taġġornaha kontinwament; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jużaw din il-lista biex jiżguraw li ssir diliġenza dovuta sħiħa fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u kontroll idoneu tal-esportazzjonijiet ta' teknoloġiji ta' sorveljanza u assistenza teknika Ewropej u tal-importazzjonijiet lejn l-Istati Membri li joħlqu riskju ċar għall-istat tad-dritt; itenni l-appell tiegħu biex jinholq Citizen Lab Ewropew magħmul minn ġurnalisti, esperti tad-drittijiet tal-bniedem u esperti ta' inġinerija inversa tal-malware, li jkun jaħdem biex jaqbad u jkxef l-użu illegali ta' software għal finijiet ta' sorveljanza illeċita;
53. Ifakkar ir-rwol importanti ta' koordinament li żvolġa l-Ażerbajġan fl-organizzazzjonijiet multilaterali fir-rigward tal-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19;
54. Jikkundanna bil-qawwa l-eżerċizzji militari tal-Iran tul il-konfini bejn l-Ażerbajġan u l-Iran ibbażati fuq xenarji aggressivi; jistieden lir-Repubblika Iżlamika tal-Iran twaqqaf kwalunkwe provokazzjoni u tirrispetta l-integrità territorjali u s-sovranià tal-Ażerbajġan;

Enerġija, kummerċ, ambjent, kooperazzjoni ekonomika u konnettività

55. Jieħu nota tat-tlestija tal-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar bejn l-Ażerbajġan u l-Ewropa u tal-ewwel darba li ntbagħat il-gass f'Diċembru 2020; jirrikonoxxi r-rwol strateġiku li jiżvolġi l-Ażerbajġan bħala fornitur ta' enerġija mill-fjuwils fossili lill-UE u jilqa' pożittivament id-disponibbiltà tiegħu li jikkontribwixxi saħansitra aktar għall-oġġettivi tal-UE f'termini ta' sigurtà u diversifikazzjoni tal-provvista ta' enerġija u ta' newtralità klimatika, kif definit fil-Patt Ekoloġiku Ewropew; jiddispjaċih bil-fatt li l-ambizzjoni tal-Ażerbajġan li jkun sieħeb strateġiku fis-settur tal-enerġija ma timxix id f'id mal-isforzi tiegħu fil-qasam tar-riformi demokratiċi u r-rispett tal-libertajiet fundamentali u tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni ssostni l-investimenti barranin min-naħa ta' sħab internazzjonali, maħsuba biex iżidu l-konnettività bejn l-UE u l-Ażerbajġan; jitlob lill-Kummissjoni tiggarrantixxi li l-ebda importazzjoni ta' gass minn

pajjiżi terzi tkun fir-realtà taħbi l-gass Russu suġġett għas-sanzjonijiet Ewropej; jistieden lill-Ażerbajġan jimplementa r-riformi f'konformità mal-impenji internazzjonali li ħa l-pajjiż;

56. Jieħu nota tal-Memorandum ta' Qbil il-ġdid bejn l-UE u l-Ażerbajġan dwar Sħubija Strateġika fis-Settur tal-Enerġija ffirmat f'Baku fit-18 ta' Lulju 2022 mill-President Aliyev u mill-President tal-Kummissjoni von der Leyen, li jiffa' s-sisien għal kooperazzjoni futura fil-qasam tal-enerġija ekoloġika li jinkludi l-impenn li tirdoppja l-kapaċità tal-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar biex iwassal kull sena lill-UE mill-inqas 20 biljun metru kubu gass sal-2027; jiddisputa, madankollu, li l-memorandum jikkonċentraw biss fuq il-kooperazzjoni fis-settur tal-enerġija u mhuwa suġġett għall-ebda kundizzjonalità; jilqa' b'sodisfazzjon il-parteċipazzjoni tal-Ażerbajġan fil-programm EU4Energy u jhegġegħ lill-pajjiż jagħmel aktar progress fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika;
57. Jenfasizza l-potenzjal tal-Ażerbajġan bħala produttur u esportatur futur ta' enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari l-enerġija eolica offshore u l-idroġenu ekoloġiku u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ażerbajġan f'dan il-qasam bħala appoġġ għall-isforzi tal-Ażerbajġan biex jevolvi minn fornitur ta' żejt u gass naturali għal sieħeb tal-enerġija rinnovabbli tal-UE; jenfasizza li l-użu tal-fjuwil fossili xejn mhu se jagħmel ħlief jaggrava l-emerġenza klimatika li qegħdin ngħixu fiha; jisħaq fuq il-fatt li l-UE għandha tinvesti fl-enerġija rinnovabbli bil-għan li tirrispetta l-impenn tagħha għall-klima; jistieden lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan jieħdu miżuri kruċjali biex iħaffu l-iżvilupp tal-enerġiji rinnovabbli u jżidu l-effiċjenza enerġetika;
58. Jistieden lill-Ażerbajġan jsaħħaħ aktar l-impenn tiegħu fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u fil-ħarsien tal-ambjent; jinkoraġġixxi lill-Ażerbajġan iżid l-objettivi tiegħu li jnaqqas l-emissjonijiet fl-ambitu tal-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali u jimpenja ruħu bis-serjetà biex inaqqas l-emissjonijiet;
59. Jieħu nota tal-progress li sar fin-negozjati dwar ftehim bilaterali komprensiv ġdid bejn l-UE u l-Ażerbajġan u jistieden lill-partijiet tan-negozjati jikkunsidraw, fil-ftehim il-ġdid, kooperazzjoni msaħħa barra mis-settur tal-enerġija; jinsisti li għandha tingħata prijorità lid-drittijiet tal-bniedem, lid-demokrazija u lill-governanza tajba; jinkoraġġixxi li jkun hemm aktar kooperazzjoni interparlamentari bejn l-UE u l-Ażerbajġan b'aġenda wiesgħa ta' kwistjonijiet ta' interess reċiproku; jissottolinja li l-governanza tajba u r-rispett tad-dritt u tal-istandards internazzjonali huma fundamentali biex tintlaħaq paċi dejjiema mal-ġirien tal-Ażerbajġan u fir-reġjun f'sens usa';
60. Jilqa' pożittivament il-flussi kummerċjali konsiderevoli bejn l-UE u l-Ażerbajġan u l-livell għoli ta' investimenti tal-UE fl-Ażerbajġan; jissottolinja li l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għas-Sħubija tal-Lvant jista' jimobilizza sa EUR 2 biljun f'investimenti addizzjonali biex tiġi żviluppata ekonomija dinamika u reżiljenti, li se toffri benefiċċji tanġibbli lill-popolazzjoni tal-Ażerbajġan u ssostni it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali tal-pajjiż; jistieden lill-UE tkompli tappoġġa l-iżvilupp reġjonali fl-Ażerbajġan, inklużi l-iżvilupp rurali, l-agrikoltura u s-sikurezza tal-ikel u jilqa' pożittivament l-inizjattivi emblematiċi mmirati biex joffru appoġġ lis-sostenibbiltà ekonomika u lir-reżiljenza fl-Ażerbajġan; jieħu nota tal-potenzjal għal kooperazzjoni futura mal-

investituri u mal-kumpaniji Ewropej fil-kuntest tal-proġetti ta' riabilitazzjoni u rikostruzzjoni fl-Ażerbajġan;

61. Jiddispijaċi li l-Ażerbajġan għamel progress minimu fl-isforzi biex jelimina l-aġar forum ta' tħaddim tat-tfal, sfruttament sesswali u tallaba furzati;
62. Jinnota li l-iżblokk tat-trasport reġjonali u tal-infrastrutturi ta' kollegament se jagħti opportunità importanti ta' żvilupp soċjoekonomiku fil-Kawkasu tan-Nofsinhar; jisħaq fuq il-fatt li dan għandu jsir fir-rispett sħiħ tas-sovranità tal-pajjiżi kollha tar-reġjun u abbażi tal-prinċipju ta' reċiproċità; jissottolinja li, bħala parti tad-dikjarazzjoni trilaterali ta' waqfien mill-ġlied ta' Novembru 2020, l-Armenja u l-Ażerbajġan qablu li jiżblukkaw l-kollegamenti bejn ir-reġjuni tal-Punent tar-Repubblika tal-Ażerbajġan u r-Repubblika Awtonoma tal-Nakhichevan u li l-kollegamenti bejn l-Armenja u n-Nagorno-Karabakh jsiru fis-sigurtà;
63. Jilqa' pożittivament l-inizjattiva li tiġi stabbilita pjattaforma reġjonali ġdida għall-Ażerbajġan, il-Georgia u l-Armenja u jistieden lill-UE tappoġġa l-kooperazzjoni reġjonali bil-għan li jiġu promossi l-paċi, is-sigurtà u l-prosperità fir-reġjun;
64. Jirrikonoxxi l-pożizzjoni ġeografika strateġika tal-Ażerbajġan bħala l-bieb potenzjali bejn l-Ewropa u l-Asja Ċentrali u lil hinn, fi ħdan l-hekk imsejjaħ "Kuritur tan-Nofs" (Middle Corridor), li se jeħtieġ l-investimenti u l-finanzjamenti tal-UE biex isir totalment operattiv; jissottolinja li l-"Kuritur tan-Nofs" jista' jiżvolġi rwol importanti fit-tiftix ta' alternattivi għar-rotot kummerċjali li jgħaddu mir-Russja;
65. Iħeġġeġ għalhekk lill-UE tappoġġa lill-Ażerbajġan u lill-pajjiżi ġirien fl-isforzi tagħhom biex jistabbilixxu kollegamenti trans-Kaspiċi u trans-Kawkasiċi u żżomm relazzjonijiet mill-qrib mal-Ażerbajġan u mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali bil-għan li tiżviluppa proġetti ta' konnettività bejn l-Ewropa, il-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-Asja Ċentrali; jitlob li jsir progress deċiżiv fl-istudju dwar il-bini tal-Pipeline tal-Gass Trans-Kaspiku, li jkun jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u għad-diversifikazzjoni tal-fornituri, tas-sorsi u tar-rotot lejn l-Unjoni Ewropea, b'hekk jiġi evitat it-tranżitu mit-territorju Russu; jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-iskambji bilaterali fil-qafas tad-Djalogu fil-Livell Għoli dwar it-Trasport;
66. Jistieden lill-Gvern tal-Ażerbajġan jagħmel użu aħjar tal-programmi u tal-proġetti disponibbli fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant, b'mod partikolari dawk li jippromwov u l-kuntatti interpersonali bejn l-UE u l-Ażerbajġan, bħal ivvjaġġar aktar faċli u skambji akkademiċi;
 - o
 - o o
67. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà kif ukoll lill-Gvern tal-Ażerbajġan.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	9.2.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 50 -: 6 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alexandrov Yordanov, François Alfonsi, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Anna Bonfrisco, Reinhard Bütikofer, Fabio Massimo Castaldo, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Michael Gahler, Kinga Gál, Raphaël Glucksmann, Sandra Kalniete, Dietmar Köster, Ilhan Kyuchyuk, David Lega, Nathalie Loiseau, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, Lukas Mandl, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Matjaž Nemeč, Gheorghe-Vlad Nistor, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Andreas Schieder, Radosław Sikorski, Jordi Solé, Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch, Harald Vilimsky, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Attila Ara-Kovács, Malik Azmani, Vladimír Bilčík, Dacian Cioloș, Rasa Juknevičienė, Andrey Kovatchev, Georgios Kyrtos, Erik Marquardt, Hannah Neumann, Juozas Olekas, Bert-Jan Ruissen
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Theresa Bielowski, Eero Heinäluoma, Gilles Lebreton, Javier Moreno Sánchez, Janina Ochojska, Samira Rafaela

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

50	+
ECR	Bert-Jan Ruissen
ID	Anna Bonfrisco, Susanna Ceccardi
RENEW	Petras Auštrevičius, Dacian Cioloș, Georgios Kyrtos, Ilhan Kyuchyuk, Samira Rafaela
S&D	Attila Ara-Kovács, Theresa Bielowski, Włodzimierz Cimoszewicz, Raphaël Glucksmann, Eero Heinäluoma, Dietmar Köster, Sven Mikser, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemeč, Juozas Olekas, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Isabel Santos, Andreas Schieder, Nacho Sánchez Amor
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Vladimír Bilčík, Traian Băsescu, Michael Gahler, Rasa Juknevičienė, Sandra Kalniete, Andrey Kovatchev, David Lega, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, Lukas Mandl, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Gheorghe-Vlad Nistor, Janina Ochojska, Radosław Sikorski, Isabel Wiseler-Lima, Željana Zovko
Verts/ALE	François Alfonsi, Reinhard Bütikofer, Erik Marquardt, Hannah Neumann, Jordi Solé, Thomas Waitz, Viola von Cramon-Taubadel

6	-
ID	Gilles Lebreton, Harald Vilimsky
NI	Kinga Gál
RENEW	Malik Azmani, Nathalie Loiseau, Salima Yenbou

4	0
ECR	Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch, Charlie Weimers
NI	Fabio Massimo Castaldo

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni